TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 1719

KAZ NRU. 2307

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Vivienne Camilleri

u

Corinthia Palace Hotel Co. Ltd. (C257)

u

Five Star Hotels Ltd (C4848)
illi giet kjamata b'digriet moghti
fis seduta tat-3 ta' Ottubru 2005

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta.

Data : 2 ta' Ottubru 2006.

Chairman : Is-Sur George Borg Cardona

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali b'Nota pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri fit-2 ta' Awissu 2005,

It-Tribunal zamm hdax-il seduta.

Vivienne Camilleri, aktar il-quddiem tissejjah l-"appellant", kienet assistita mill-Avukat Leslie Cuschieri u Corinthia Palace Hotel Co. Ltd./ Five Star Hotels Ltd., aktar il-quddiem jissejjhu l-"Kumpanija", kienu rapprezentati minn Ms Romina Pace assistita mill-Avukat Vanessa Borg.

Fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz l-appellant, li kienet impjegata bhala *House Attendant,* qalet li tkecciet fuq allegazzjoni li ma naddfetx sewwa kmamar fil-Lukanda billi ma ghamletx ix-xoghol skond il-metodu rikjest mill-Kumpanija. Kienet il-*Housekeeper* li rremarkat fuq nuqqas dwar tindif ta' banju u sussegwentement baghtet *Supervisor* biex tezamina kmamar ohra li naddfet, li skond l-appellant, din qaghdet issib ix-xaghara fl-agina.

Hi qaltilha li dak li ma ghogobhiex kienet lesta taghmlu mill-bidu. Sostniet li qatt ma kienet ikkommetiet zbalji gravi fix-xoghol u, ghalkemm minn zmien ghal zmien, bhal haddiema ohra, kienet tkun ikorreguta dwar xi nuqqasijiet qatt ma ṇatat *warnings* jew xi twissija ta' tkeccija. Il-*Housekeeper* qaltilha li qed titkecca ghaliex ma hasletx il-banjijiet kif rikjest. Meta marret tippancja ghand is-*security officer* dan qalilha li diga kien inata ordni biex johdilha c-cavetta tal-*locker.*

Il-Kumpanija qalet li l-appellant tkecciet ghaliex m'obdietx ordnijiet tas-superjuri taghha u addottat atteggjament hazin u ferm negattiv li kien jammonta ghal insubordnazzjoni serja.

Mix-xhieda u mid-dokumenti jirrezulta li fiz-zmien meta tkecciet l-appellant kienet impjegata *part-time* u kienet tahdem skond il-htiega tal-Kumpanija. Din ma keccieth iex ghax ma kellhiex aktar htiega taghha izda minhabba allegati nuqqasijet serji.

Fost affarjiet ohra l-appellant attribwiet it-tkeccija ghal tpattija mill-*Housekeeper* dwar incident li kellhom xi zmien qabel. Hi kienet tablet li tiehu Hadd *off* biex tattendi maghmudija u l-*Housekeeper* qaltilha biex tirranga ma shaba. Meta ma rnexxilhiex u qalet dan lill-*Housekeeper* din qaltilha li ma tista' taghmillha xejn. Izda meta kellmet il-Kap tal-*human resources* din qalet lill-*Housekeeper* biex tirrangalha u mbaghad sabet mod kif taghmel dan. Fil-fatt l-arrangament li sar kien li l-kmamar li kellha taghmel l-appellant tqassmu fuq haddiema ohra **bi hlas addizzjonali** haga li l-*Housekeeper* ma kellhiex awtorita li taghmel minghajr approvazzjoni ta' superjuri.. Ghalhekk it-Tribunal iwarrab l-allegazzjoni li l-*Housekeeper* ghamlet vendikazzjoni minhabba dan l-incident.

Il-Kumpanija qalet li wahda mir-ragunijiet ghat-tkeccija kienet li r-ragel ta' l-appellant, instigat minnha, cempel lill-*Housekeeper* u heddidha u kellimha hazin. Ma ngiebux provi biex jissostanzjaw din l-allegazzjoni u ghalhekk it-Tribunal iwarrabha wkoll. .

Wara li kkonsidra id-Dikjarazzjonijiet tal-Kaz, ix-xhieda u d-dokumenti kif ukoll is-sottomissjonijiet tal-partijiet it-Tribunal ried jistabbilixxi :

1. jekk kienx hemm nuqqas mill-appellant ;
2. jekk kien hemm, kienx daqstant serju li jimmerita tkeccija ;
3. jekk gewx osservati il-proceduri dwar dixxiplina stipulati fil-Ftehim Kollettiv ;
4. jekk l-appellant inatatx opportunita xierqa biex tiddefendi ruhha.

It-Tribunal hu sodisfatt li ma sarx tindif kif rikjest f'numru ta' kmamar li ghalihom kienet risponsabbli l-appellant. In-nuqqas kien gie notat mill-*Housekeeper* f'kamra wahda u sussegwentement mis-*Supervisor* li ntbaghtet biex ticcekja l-kmamar l-ohra li naddfet l-appellant. Dan kien nuqqas relattivament serju meta wiehed iqis li l-lukanda kienet wahda bi grad ta' hames stilel.

It-Tribunal jidirlu li n-nuqqas, ghalkemm serju, ma kienx daqstant gravi li jimmerita tkeccija. Fil-fatt il-Ftehim Kollettiv fil-parti dwar azzjoni dixxiplinarja f'Artiklu 19.B.2 jistipula li f'kaz ta' nuqqas serju ghandu jinata *formal verbal warning* li jigi *recorded* mill-Kap tad-Dipartiment. Ma jirrezultax li l-appellant qatt inatat xi tip ta' *warning* li gie *recorded*.

L-appellant tkecciet mill-*Housekeeper*, li ma kelliex awtorita li taghmel dan, tant li ordnat lis-*Security Officer* biex johdilha ic-cavetta tal-*locker*. It-tkeccija giet sussegwentement ikkonfermata mill-Kap tal-*Human Resources* minghajr l-osservanza tal-proceduri stipulati fil-Ftehim Kollettiv.

Il-Kumpanija kisret il-provedimenti kollha ta' l-Artiklu 19.A minn 1. sa 6. u specjalment dawk f' 4. u 5. li jistipulaw li l-proceduri ma ghandhomx isiru b'tant ghaggla li jippregudikaw il-gusta u effettiva operazzjoni taghhom u li ebda mpjegat ma ghandu jitkecca ghall-ewwel nuqqas ta' dixxiplina hlief f'kaz ta' *gross misconduct*. Fil-fehma tat-Tribunal in-nuqqas ta l-appellant ma kienx jaqa f'din il-kategorija..

Fuq kollox l-appellant ma inatatx opportunita xierqa li tiddefendi ruhha mhux biss skond dak stipulat fil-Ftehim Kollettiv izda ghanqas dik li tirrekjedi l-gustizzja naturali.

Il-Kumpanija naqset serjament f'dan ir-rigward u t-Tribunal isib li ma kienx hemm raguni gusta u sufficienti skond il-ligi ghat-tkeccija.

Wara li kkonsidra ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz in-nuqqasijiet ta' l-appellant, it-Tribunal jordna li l-Kumpanija Five Star Hotels Ltd. (C 4848), bhala l-principal attwali ta' l-appellant, ghandha thallas kumpens ta' Lm 500 (hames mitt lira) lill-appellant mhux aktar tard mitt-30 ta' Novembru 2006.

Ma kienx possibli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien stabbilit mill-ligi minhabba l-volum ta evidenza, limitazzjoni ta' facilitajiet u nuqqasijiet amministrattivi.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbghin lira).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg Cardona
Chairman

Mary Rose Galea
Segretarja